MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1090/2001/1

**Bezzina Bros. Limited**

***kontra***

**John Borg u martu Jane Borg**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat **ic-citazzjoni** prezentata fit-18 ta` Gunju 2001 li taqra hekk –

*Peress illi permezz ta` skrittura privata ffirmata bejn il-partijiet nhar it-30 ta` April 1998 (Dokument TRE) is-*

*socjeta` attrici dahlet sabiex twettaq diversi xogholijiet fil-post maghruf bhala Karanne Aparthotel f`San Pawl il-Bahar u dan skond it-termini u modalitajiet hemm indikati.*

*Peress li s-socjeta` attrici bdiet dawn ix-xoghlijiet kif hemm indikati u diversi ohrajn u lestiet dak kollu li hija setghet tlesti, b`dan li tul dawn il-konvenuti hallsu diversi pagamenti izda l-pagament finali skond ic-certifikat tax-xogholijiet lesti u finalizzati rilaxxat mill-Engineer Charles Cuschieri li kien inkarigat skond il-kuntratt hawn imsemmi sabiex johrog dawn ic-certifikati kif ukoll billi kien appuntat bhala arbitru baqa` ma thallsux.*

*Peress illi minn dawn l-atti jirrizulta li l-konvenuti ghandhom jaghtu s-somma ta` mija u erbatax-il elf u mitt lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm114,100.43) u dan skond ma huwa spjegat dettaljatament fil-prospett (Dokument THS).*

*Peress illi s-socjeta` attrici kitbet lill-konvenut John Borg ghall-hlas u dan sija b`ittra interpellatorja kif ukoll b`ufficjali izda l-imsemmi baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u erbatax-il elf u mitt lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm114,100.43) ammont dovut tax-xoghol esegwit fil-Karanne Apart Hotel u dan sija ai termini ta` skrittura privata datata 30 ta` April 1998 kif ukoll ta` dak attwalment esegwit.*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta` mija u erbatax-il elf u mitt lira u tlieta u*

*erbghin centezmu (Lm114,100.43) flimkien mal-imghaxijiet legali.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta` Mejju 2001 u bl-imghaxijiet legali fuq l-istess imghaxijiet il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat **in-nota ta` l-eccezzjonijiet** prezentata fit-8 ta` Ottubru 2001 li taqra hekk –

*1. Illi l-ammont pretiz mhux dovut, almenu fit-totalita` tieghu, u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u senjatament ghaliex iridu jitnaqqsu somom sostanzjali konsistenti fis-segwenti :*
*i) penali minhabba dewmien ta` xoghol u dan bejn l-1 ta` Novembru 1998 sal-31 ta` Lulju 2000 kalkolati bir-rata ta` mitt lira maltija (Lm100) kull jum jew perjodu iehor li jigi stabbilit fil-kors ta` dawn il-proceduri u dan kif stipulat f`artikolu 1.17 tal-ftehim datat 30 ta` April 1998 u l-Appendici A ghal dak il-ftehim, liema dewmien kien unikament imputabbli ghas-socjeta` attrici, u*

*ii) danni naxxenti minn xoghol hazin fil-kors tal-esekuzzjoni tal-inkarigu moghti lis-socjeta` attrici u kif ukoll danni konsegwenzjali ghall-istess, fost ohrajn izda mhux biss, dawk ikkawzati fil-proprjeta` tal-istess konvenuti,*

*iii) tnaqqis fil-kontijiet ghal xogholijiet li sal-lum ghadhom ma sarux mis-socjeta` attrici izda li l-valur taghhom huwa nkluz fil-kontijiet ipprezentati mill-Inginier Cuschieri kif spjegat ahjar fic-certifikat tieghu u kif ser jigi ppurvat fil-kors tal-kawza,*

*iv) tnaqqis ghal zbalji matematici kif ukoll ta` rati tax-xogholijiet kemm dawk specifikati fil-kuntratt kif ukoll ta` xogholijiet addizzjonali u sahansitra xiri ta` materjal mill-konvenuti u nstallat mis-socjeta` attrici u li pero` l-prezz taghhom gie nkluz fil-kontijiet bhala dovut lis-socjeta` attrici,*

*v) tnaqqis ghal spejjez zejda maghmula mill-konvenut fuq xogholijiet li ma tlestewx mis-socjeta` attrici u li kellha tlestihom skond il-ftehim precitat, liema xogholijiet kellhom jitlestew minn terzi b`rati oghla minn dawk miftehma bejn il-kontendenti, u cioe` allura d-differenza bejn ir-rati,*

*vi) tnaqqis ta` kull somma li tista` tkun dovuta lill-Inginier Cuschieri minhabba dewmien fix-xoghlijiet imputabbli lis-socjeta` attrici u dana fis-somma ta` ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) u li l-istess Inginier Cuschieri naqqas fic-certifikat tieghu datat 21 ta` Mejju 2001,*

*vii) illi di piu` ghandu wkoll isir l-aggustament mehtieg sa fejn jirrigwarda kull imposizzjoni fiskali naxxenti mil-ligi tas-CET prevalenti fil-mument ta` meta gie importat il-materjal f`isem il-konvenut u utilizzat mis-socjeta` attrici fil-kors tax-xogholijiet fil-lukanda Karanne u dana kif spjegat ahjar fic-certifikat tal-Inginier Carmel Cuschieri tal-4 ta` Awissu 2000,*

*viii) illi ghall-kuntrarju ta` dak illi s-socjeta` attrici qieghda tallega fir-rigward tar-regim fiskali tal-VAT u s-CET, il-ftehim tat-30 ta` April 1998 u precizament fil-klawsola 1.35 kull imposizzjoni ta` taxxa hija nkluza fil-prezzijiet u ghalhekk m`ghandu jkun hemm ebda aggustament fil-kontijiet minhabba tibdil fir-regim fiskali mis-CET ghall-VAT. Illi jigi rilevat li fi kwalunkwe kaz il-ligi tas-CET tinkludi hmistax fil-mija (15%) ETI u hamsa fil-mija (5%) ETP, ghalhekk il-kuntegg maghmul mis-socjeta` attrici huwa anke f`dan ir-rigward zbaljat,*

*ix) iridu wkoll jitnaqqsu dawk il-flejjes konsistenti f`incentivi taht l-Industrial Development Act li jinghataw mill-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp li kellhom imorru ghall-beneficcju tal-konvenuti u mhux tas-socjeta` attrici,*

*liema valur tal-imsemmija incentivi jinsabu komprizi u nkorporati fis-somma li qieghda tirreklama l-istess socjeta` attrici.*

*2. Illi kontestwalment mal-prezenti l-konvenuti qeghdin jipprezentaw kontro-talba fejn qeghdin jitolbu lis-socjeta` attrici thallashom il-flejjes kollha rapprezentanti penali, danni u riduzzjonijiet fil-kont ricevut minnhom ghar-ragunijiet fuq spjegati. Allura dan jista` jkun ifisser li l-konvenuti mhux biss m`ghandhomx ihallsu l-ammont imsemmi fic-citazzjoni attrici izda li s-socjeta` attrici ghandha taghti lilkom.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat **il-kontrotalba** li taqra hekk –

*Peress li permezz ta` skrittura privata bejn il-kontendenti datata 30 ta` April 1998 is-socjeta` attrici rikonvenzjonata accettat l-inkarigu tal-konvenuti rikonvenzjonanti li taghmel diversi xoghlijiet fil-lukanda Karanne fi Blacktail Street, San Pawl il-Bahar u dan skond il-pattijiet u kundizzjonijiet miftehma fl-istess skrittura privata ;*

*Peress li s-socjeta` attrici rikonvenzjonata qieghda tippretendi l-pagament bilancjali ta` mija u erbatax-il elf u mitt lira maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm114,100.43) ;*

*Peress li kif ser jigu pprovati fil-kors u trattazzjoni ta` din il-kawza minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu ammont li*

*jirrifletti daqstant penali minhabba dewmien ta` xoghol u dan bejn l-1 ta` Novembru 1998 sal-31 ta` Lulju 2000 jew perjodu iehor bir-rata ta` mitt lira maltija (Lm100) kuljum kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u dan kif stipulat f`artikolu 1.17 tal-ftehim precitat, liema dewmien kien unikament imputabbli ghas-socjeta` rikonvenzjonata ;*

*Peress li l-konvenuti rikonvenzjonanti sofrew ammonti ta` danni konsistenti fis-segwenti u cioe` :-*

*(i) fil-kors ta` dawn ix-xogholijet, oltre l-penali fuq imsemmija, is-socjeta` rikonvenzjonata ghamlet xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha bil-konsegwenza li l-konvenuti rikonvenzjonanti soffrew danni kemm diretti u kif ukoll konsegwenzjali ghall-istess, fil-proprjeta` taghhom u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza ;*

*(ii) ukoll fl-ammont li qieghed jigi mitlub, is-socjeta` rikonvenzjonata nkludiet xogholijiet li ma sarux mis-socjeta`, kif ukoll saru spejjez zejda nkorsi mill-konvenuti rikonvenzjonanti, liema xoghlijiet tlestew minn terzi b`rati ghola minn dawk miftehma bejn il-kontendenti, kwindi l-konvenuti sofrew danni fid-differenza tal-prezz ;*

*Peress li mis-somma li qieghda tigi mitluba tehtieg li jsiru diversi aggustamenti u anke riduzzjonijiet u dan ghaliex :-*

*(i) hemm zbalji ta` kalkoli matematici fl-istess kont tas-socjeta` rikonvenzjonata anke fir-rati ta` xoghlijiet kif miftehma infushom fl-istess ftehim u l-valur ta` xoghlijiet addizzjonali u materjal mixtri mill-konvenuti rikonvenzjonanti, ghalkemm installat mis-socjeta` rikonvenzjonata,*

*(ii) aggustamenti mehtiega sa fejn jirrigwarda kull imposizzjoni fiskali naxxenti mil-ligi tas-CET prevalnenti fil-mument ta` meta gie mportat il-materjal f`isem il-konvenuti*

*rikonvenzjonanti u utilizzat fil-kors tax-xoghlijiet fil-lukanda in kwistjoni u dan kif spjegat ahjar fic-certifikat tal-Inginier Carmel Cuschieri tal-4 ta` Awissu 2000,*

*(iii) imposizzjoni ta` taxxa li kemm jekk ta` VAT jew CET li skond klawsola 1.35 kellha tigi sopportata mis-socjeta` rikonvenzjonata, u*

*(iv) u kif ukoll tnaqqis ta` somom konsistenti f`incentivi taht l-Industrial Development Act li jinghataw mill-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp li kellhom imorru a beneficcju tal-konvenuti rikonvenzjonanti, u liema somom huma komprizi u nkorporati fis-somma precitata.*

*Ghaldaqstant tghid is-socjeta` rikonvenzjonata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija :*

*(1) tiddikjara li s-socjeta` rikonvenzjonata kienet tardiva fix-xogholijiet ghal ragunijiet unikament imputabbli ghaliha u bi ksur tal-ftehim privat datat 30 ta` April, 1998 ;*

*(2) sussegwentement tiddikjara li l-konvenuti rikonvenzjonanti huma ntitolati li jitolbu penali ta` mitt lira maltija (Lm100) ghal kull jum ta` ritard u dan fit-termini tal-artikolu 1.17 tal-precitat ftehim ;*

*(3) tillikwida l-ammont ta` penali ghall-perjodu bejn l-1 ta` Novembru 1998 sal-31 ta` Lulju 2000 jew perjodu iehor li jigi stabbilit fil-kors ta` dawn il-proceduri permezz ta` periti nominandi ;*

*(4) tikkundanna lis-socjeta` rikonvenzjonata thallas l-ammont likwidat skond it-talba precedenti ;*

*(5) tiddikjara li s-socjeta` rikonvenzjonata esegwiet xoghol li ma sarx skond l-arti u s-sengha, u liema xoghol hu hazin;*

*(6) tiddikjara lis-socjeta` rikonvenzjonata bhala responsabbli ghad-danni kollha kemm tax-xoghol hazin u kif ukoll danni ohra konnessi mal-istess u dan bl-ghajnuna ta` periti nominandi ;*

*(7) tillikwida dik is-somma dovuta bhala danni sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonanti ghall-fini tat-talba precedenti, u*

*(8) sussegwentement tikkundanna lis-socjeta` rikonvenzjonata thallas id-danni hekk likwidati,*

*(9) ghall-fini tar-raba` (4) talba kollha tillikwida dawk is-somom kollha kemm in linea ta` aggustamenti fil-kontijiet u kif ukoll frott ta` zbalji matematici, inkluz xoghol li ma sarx, u rati ta` xoghol mhux miftehma u valur ta` materjal mixtri mill-konvenuti rikonvenzjonanti u kif ukoll dawk l-ammonti kollha rapprezentanti beneficcji fiskali kemm tas-CET u kif ukoll tal-VAT, u incentivi fiskali kif fuq spjegat li ma kellhomx ikunu a karigu tal-konvenuti rikonvenzjonanti u/jew li kellhom ikunu ghall-beneficcju taghhom ;*

*(10) u konsegwentement tordna u tikkundanna lis-socjeta` rikonvenzjonata tnaqqas is-somom kollha likwidati ghall-fini tat-talba precedenti mis-somma ta` mija u erbatax-il elf lira u mitt lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm114,100.43), kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-ispejjez u bis-socjeta` attrici rikonvenzjonanta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti rikonvenzjonanti u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat **in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-kumpannija attrici ghall-kontrotalba**, prezentata fil-25 ta` Ottubru 2001 li taqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` attrici ma ghandha ebda responsabbilta` fil-kwistjoni tal-esekuzzjoni tax-xoghol ghax fejn iz-zminijiet ma nzammux kien tort ta` terzi jew tal-istess konvenuti li ma kinux wettqu s-sehem taghhom tal-ftehim.*

*2. Illi ma hemmx lok ghal ebda hlas ta` penali billi dak kollu li qieghed jigi mqajjem mill-konvenuti gie diga` kkunsidrat mill-Inginier li gie mqabbad apposta u wasal ghal figura li fuqha l-eccipjenti qed ifittxu lill-konvenuti.*

*3. Illi ma huwiex minnu li s-socjeta` attrici wettqet xi xoghol kontra l-arti u s-sengha.*

*4. Illi l-konvenuti ma jistghux jitolbu l-hlas tal-penali ghan-nuqqas fl-esekuzzjoni u fl-istess hin jitolbu d-danni ghax esegwiti hazin.*

*5. B`riserva ta` eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija attrici u l-lista tax-xhieda indikati minnha ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-Ing. Charles Cuschieri fl-udjenza tat-13 ta` Frar 2002 (fol 105 sa fol 107) quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat il-kumpannija attrici fl-istess udjenza (fol 45 sa fol 104).

Rat ix-xhieda bl-affidavit ta` Godfrey Bezzina u d-dokumenti li kienu annessi (fol 113 sa fol 118).

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Raymond Ellul (fol 122).

Rat in-nota b`dokument li pprezentat il-kumpannija attrici fl-udjenza tat-23 ta` Frar 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 135A).

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` l-Ing Carmel Cuschieri fl-istess udjenza (fol 135B sa fol 135H).

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat il-kumpannija attrici fl-udjenza tad-29 ta` Marzu 2004 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 137 sa fol 207).

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Anthony Abdilla fl-istess udjenza (fol 208 sa fol 212).

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat il-kumpannija attrici fit-22 ta` April 2004 (fol 213 sa fol 217).

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2005 (fol 226) fejn kienu mahtura l-Awditur Kevin Mahoney u l-Perit Godwin Abela bhala periti gudizzjarji.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` John Borg (fol 251 u fol 252).

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Portelli (fol 267 sa fol 273), Herman Mizzi (fol 274 sa fol 285) u Anthony Abdilla (fol 286 sa fol 289) fl-udjenza tat-28 ta` Mejju 2009.

Rat il-verbal tal-istess udjenza fejn *inter alia* il-perit gudizzjarju Perit Godwin Abela kien awtorizzat jirtira file li kien esebit *animo ritirandi* mix-xhud Hermann Mizzi.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta` Marzu 2010 fejn il-Qorti kien informata li l-gbir tal-provi kien konkluz.

Rat ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji li kienet prezentata fid-19 ta` Ottubru 2010 u mahlufa fl-14 ta` Dicembru 2010 (fol 302 sa fol 328).

Rat l-atti li kienu prezentati mill-periti gudizzjarji flimkien mar-relazzjoni taghhom (fol 330 sa fol 570).

Rat in-nota prezentata mill-konvenuti fis-26 ta` Jannar 2011 (fol 574) fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali, liema talba kienet formalment rinunzjata fl-udjenza tal-21 ta` Marzu 2011 (fol 576).

Rat in-nota tas-socjeta` attrici a fol 575.

Rat id-domandi prezentati bil-miktub mill-konvenuti (fol 580 sa fol 583) ghall-fini tal-eskussjoni tal-periti gudizzjarji.

Rat ir-risposti tal-periti gudizzjarji (fol 591 sa fol 592) li kienu konfermati minnhom bil-gurament fl-udjenza tat-2 ta` Gunju 2011.

Semghet lill-periti gudizzjarji jwiegbu bil-fomm ghal domandi ohra fl-istess udjenza (fol 593 sa fol 610).

Rati in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm mid-difensur tas-socjeta` attrici fl-udjenza tal-14 ta` Mejju 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Sintesi tal-provi</u>**

**<u>L-Ing. Carmel Cuschieri</u>** xehed li d-ditta Camilleri & Cuschieri li taghha huwa direttur kienet inkarikata mill-konvenut bhala konsulent dwar servizzi ta` inginerija. L-inkariku kien jinkludi d-disinn tas-servizzi, l-ispecifikazzjonijiet, id-drawings u l-hrug tal-bills of quantites. L-inkariku kien relatat mal-Lukanda Karanne go San Pawl il-Bahar. Ghal habta ta` Lulju / Awissu 2000, hargu l-kont u cioe` is-"*certificate of payment*" fejn ikkonfermaw l-ammont li kien dovut. Ghalkemm hargu dak ic-certifikat, kien ghad hemm xi xogholijiet zghar xi jigu esegwiti. Is-socjeta` attrici kienu nfurmawhom li billi kien

ghadda hafna zmien minn meta kellha titlesta din il-lukanda, huma ma setghux ikomplu bix-xogholijiet. Minhabba dawk ix-xogholijiet li kienu ghadhom pendenti, fil-kont finali kien hemm somma provvizorja ta` ghaxart elef Lira (Lm10,000) biex ikopru x-xogholijiet li ma kienux saru. Meta fil-fatt ix-xogholijiet tlestew minn terzi, l-ispiza involuta kienet ta` Lm1,000 u kwindi r-rimanenti Lm9,000 kienu dovuti lis-socjeta` attrici.

Ix-xhud sostna illi huwa kien prezenti meta kien iffirmat il-kuntratt a fol 5 tal-process.

Dwar il-paragrafu 1.20, u cioe` il-klawsola arbitrali, kien miftiehem li jekk jinqalghu divergenzi, il-kwistjonijiet jigu decizi u risolti minnhom bhala l-engineera.

Kien inginier li jaghmel parti mid-ditta tieghu illi hareg il-prospett a fol 20 bid-data tal-21 ta` Mejju 2001. Hemm fih riassunt tal-ammonti li kienu ghadhom dovuti lis-socjeta` attrici.

Certifikat iehor li hareg fl-4 ta` Awwissu 2001 juri l-ammont li l-konvenuti kellhom ihallsu lis-socjeta` attrici.

Fil-**kontroezami**, l-Ing. Cuschieri jikkonferma li huma hargu l-kontijiet skond ir-rati li kien hemm fil-kuntratt. Huma ma dahlux fil-kwistjoni ta` l-bdil tar-regim fiskali u cioe` VAT u CET. Sostna li l-konvenut fiz-zmien li kienet vigenti s-CET kellha esenzjoni ghal xi materjal. Mistoqsi jekk qabel ma hareg il-kont kienx ikkonsulta mal-konvenut u ma` Anthony Abdilla, ix-xhud wiegeb illi fil-fatt kien tahom kopja ta` l-kont finali u stenna l-kummenti taghhom. Mistoqsi jekk fil-kont illi hareg kienx hemm inkluzi danni li allegatament sofra l-konvenut u l-penali, ix-xhud wiegeb illi dak iz-zmien ma kien hemm l-ebda claim mill-konvenut ghal danni jew fuq xoghol hazin. Kwindi c-certifikat li hareg kien finali.

**Godfrey Bezzina**, direttur manigerjali tal-kumpannija attrici, xehed illi bil-ftehim mal-konvenut tat-30 ta` April 1998, is-socjeta` attrici kellha tistalla sistemi elettrici, mekkanici u ta` low voltage fil-Karane Aparthotel, San Pawl il-Bahar. Il-valur totali ta` x-xogholijiet kien ta` Lm366,145.42 inkluza s-CET. Il-konvenut khatar lil Camilleri & Cuschieri bhala inginiera u konsulenti tal-progett. Huma kellhom jiddisinjaw s-servizzi, jippreparaw d-disinji, l-ispecifikazzjonijiet u l-bills of quantites. F`certu zmien kien cempillu certu Ronnie Mifsud u qallu biex ma jahdimx fuq dan l-progett ghaliex hu stess kien diga qed jesegwixxi xi xogholijiet elettrici u mekkanici f`din il-lukanda u kien waqaf ghaliex l-konvenut ma kienx qed ihallsu. Matul il-progett, kien hemm hafna dewmien min-naha tal-konvenut. Billi l-konvenut ma kienx tah l-ezenzjoni mill-MDC fil-pront, is-socjeta` attrici kellha tistenna biex tohrog merkanzija mid-dwana u b`hekk kellhom ihallsu ghaz-zmien zejjed li l-merkanzija baqghet fid-dwana. Dawn l-ispejjez addizzjonali hallsithom is-socjeta` attrici sabiex tinhareg il-merkanzija, ghalkemm il-konvenut kien ipprometta li se jhallas hu. Eppure mhux hekk gara. Minhabba l-fatt li x-xogholijiet li kellhom isiru minn haddiehor ma tlestewx fil-hin, is-socjeta` attrici kellha tistenna sabiex tkompli hi. Il-konvenut inkarika lil Anthony Abdilla biex jissorvelja l-progett. Dan pero` ma kienx ikun prezenti fuq il-post u ghalhekk kien hemm dewmien biex jittiehdu decizjonijiet.

Ix-xhud fisser illi s-socjeta` attrici kellha tistenna milli tlesti ghaliex l-atrium tal-hotel ma tlestiex fil-hin. Anke l-kostruzzjoni tal-indoor pool ma tlestix u ghalhekk kull darba li kienet taghmel ix-xita kienet issir hafna hsara fis-servizzi li kienu diga` stallati mis-socjeta` attrici. Id-dewmien kien dovut unikament ghall-konvenut. Minhabba l-imgieba tal-konvenut, huma baghtu ittra (ara Dok. GB 1 u GB 2) illi jekk sat-13 ta` Marzu 2000, kien se jkun hemm zoni mhux disponibbli biex huma jlestu x-xogholijiet, ma kienux se jkunu f`qaghda li huma jkomplu u jlestu. Ghal dik l-ittra ma kienx hemm twegiba.

In segwitu, bi qbil mal-konvenut, inhareg certifikat tax-xogholijiet bi tnaqqis provizzorju ghax-xogholijeit li ma setghux jitlestu mis-socjeta` attrici minhabba d-dewmien da parti tal-konvenut, biex b`hekk seta jsir il-hlas tal-ammont dovut. Tnaqqsu Lm10,000. Meta mbaghad tlestew ix-xogholijiet kollha, u kien stmat il-valur tax-xogholijiet li s-socjeta` attrici ma setghetx tlesti, it-tnaqqis kien ridott ghal Lm7,639.98 (Dok. GB 3).

L-ammont dovut skond dan ic-certifikat tax-xogholijiet rilaxxjat minn Camilleri & Cuschieri baqa` ma thallasx.

**<u>Raymond Ellul</u>** xehed illi huwa kien is-*site manager* tal-kumpannija attrici. Ighid illi xogholijiet li kellhom jitlestew mill-konvenut baqghu ma tlestewx fil-hin bil-konsegwenza illi huma ma setghux imbaghad ikomplu bix-xogholijiet taghhom.. F`Marzu 2000, l-ewwel u t-tieni sular, l-*atrium* u z-zona tal-pixxina interna, ma kienux lesti sabiex s-socjeta` attrici tibda u tispicca x-xogholijiet li kellha taghmel. Kien hemm ukoll dewmien fil-provvista ta` apparat da parti tal-management tal-lukanda. Ikkonferma li x-xoghol taghhom saru kollu skond is-sengha u t-taghmir istallat kien certifikat bhala tajjeb mill-inginiera. Minbarra x-xoghol specifikat, s-socjeta` attrici kienet spiccat ghamlet hafna aktar xoghol. Meta Anthony Abdilla ma kienux ikun prezenti fuq il-post, id-decizjonijiet kien johodhom il-konvenut. Meta kien jigi Abdilla, kien jinbidel kollox.

**<u>Anthony Abdilla</u>** kien il-persuna nkarigata mill-konvenut biex tiehu hsieb l-esekuzzjoni tal-progett. Xehed illi huwa kien involut mill-bidu nett meta sar l-kuntratt bejn il-partijiet. Dwar id-dewmien tax-xoghol, saru diversi laqghat bejn il-partijiet. L-Ing. Cuschieri ma ridx jidhol fil-mertu tad-dewmien u lanqas tal-hsarat li gew kkagunati fil-proprjeta tal-konvenut minhabba xoghol li sar

hazin mis-socjeta` attrici. Mistoqsi x`kienet is-sengha tieghu, ix-xhud wiegeb illi huwa kien *accountant* u zviluppatur tal-artijiet. Mistoqsi jekk kienx hemm xi ftehim li ma jithallsux l-ghaxart elef liri (Lm10,000), li kienu nzammu provizorjament ghal xogholijiet mhux kompletati mis-socjeta` attrici, ix-xhud stqarr illi ma kienx qbil dwar dan. Mistoqsi min kellu jaghmel ix-xogholijiet tal-indoor pool, Anthony Abdilla qal illi ghal dak li jirrigwarda l-*mechanical* u l-*engineering* dawn kellhom isiru mis-socjeta` attrici. Mistoqsi allura liema xogholijiet ghamlet is-socjeta` Mike Farrugia Contractors, ix-xhud wiegeb illi huma ghamlu xogholijiet ta` tkomplija li ma kienux saru mis-socjeta` attrici u tiswijiet ta` xoghol li ghamlet is-socjeta` attrici u li ma kienux tajbin. Qal illi meta hadmu Mike Farrugia Contractors u Molinari, l-inginier kien diga` ttermina formalment il-kuntratt mas-socjeta` attrici u hareg *bills of quantity* godda ghax-xogholijiet li kienu ghadhom pendenti.

**Il-konvenut** xehed illi huwa kien jikkondividi x-xiehda ta` Anthony Abdilla.

Xehed illi l-programm tax-xoghol li kien miftiehem ma ntlahaq qatt u ghalhekk l-kuntratturi li kellhom jibdew ix-xoghol wara s-socjeta` attrici ma setghux jibdew jew ikomplu x-xoghol taghhom.

Il-pajpijiet tad-dranagg li kellhom jitqeghdu fl-*annex* damu xhur sakemm tpoggew u dan wassal ghal dewmien fix-xoghol.

Fost ix-xogholijiet li ma sarux kien hemm is-sistema tal-ilma li ma kenitx tiffunzjona tajjeb, is-sistema tal-arja kondizzjonata li gratilha l-hsara ghaliex ma kenitx imqeghda tajjeb, kawza tal-umdita mill-*units* tal-AC saret hsara kbira fis-suffetti.

L-inginiera kien qalu lis-socjeta` attrici kemm il-darba li kien hemm bzonn li thaddem aktar nies biex ix-xoghol ma jdumx. Scicluna Installations, li kienu *sub-contractors* tas-socjeta` attrici kellhom jieqfu mix-xoghol taghhom ghaliex ma baqghux jissupplixxu materjal minhabba nuqqas ta` finanzi mis-socjeta` attrici u ghalhekk dan l-materjal kien mixtri mill-konvenut.

Fix-xahar ta` Lulju 2000, l-inginier waqqaf lis-socjeta` attrici milli tkompli bix-xogholijiet u kienu nkarikati kuntratturi ohra biex ilestu x-xoghol. Fil-fatt ghalkemm il-lukanda kellha tkun lesta sa Ottobru 1998, ix-xoghol li kellha tlesti s-socjeta` attrici ma kienx lest sa Lulju 2000.

Ic-certifikat tal-inginiera kien fih zbalji li bagghu ma trangawx bhal – travi ta` taht il-chillers li kienu nkluzi fil-prezz ta` installazzjoni ; testing tal-pressa tal-ilma fil-kmamar tal-banju kellha ssir bhal hlas ; stimi ta` extension sockets inhadmu hazin ghaliex minflok Lm2,025 dawn kellhom jigu Lm20.25, u l-grills tal-kmamar tal-banju ma nxtrawx mis-socjeta` attrici izda minnu. Ghalkemm is-socjeta` attrici kellha tissupplixxi d-dehumidifiers, hija ssuppliet wiehed biss ghalkemm saret talba ghal tlieta ohra mill-kuntrattur l-iehor. Dawn qatt ma wasslu u ghalhekk kellu jixtrihhom hu u dak li kien supplit mis-socjeta` attrici baqa` hemm u ma ntuzax. Is-sistema tal-pajpijiet tad-drenagg kellha tinbidel minn plastik ghal ramm ghaliex tal-plastic bdew jiddendlu u jikkagunaw sadd.

Minhabba d-dewmien ta` xoghol ikkawzat mis-socjeta` attrici, l-inginiera talbu Lm14,000 aktar minn dak miftiehem. Skond ix-xhud, dak l-ammont kellu jithallas mis-socjeta` attrici.

**<u>Joseph Portelli</u>** xehed illi l-kumpannija tieghu tistalla *s-sound* fil-lukandi. Kien inkarikat minn Anthony Abdilla f`Novembru 2000 biex jaghmel rewiring tas-

sistema tal-i*speakers* fil-*foyer* tal-Lukanda Karanne, San Pawl il-Bahar, riparazzjonijiet fuq *amplifier*, fornitura ta` *speakers* u *volume control* ghall-*indoor swimming pool* u l-konsenja ta` *multipurpose hall* b`*amplifier*, *cd playe*r u *speakers* mwahhla mas-suffitt. Mistoqsi jekk kienx involuta fit-tiswija ta` xogholijiet li kienu saru mis-socjeta` attrici, ix-xhud wiegeb illi huwa ghamel tiswijiet zghar. L-istima ta` dak ix-xoghol ta` tiswija kienet ta` Lm52. Mistoqsi jekk ir-rewiring kellux isir minhabba xoghol hazin jew ghal xi raguni ohra, ix-xhud eskluda li dak sar minhabba difetti fix-xoghol li kien sar qabel, izda ghaliex it-tmexxija tal-lukanda riedet iccaqlaq apparat minn post ghal iehor.

**Hermann Mizzi** xehed illi huwa responsabbli tal-amministrazzjoni tal-finanzi tal-kumpannija Mike Farrugia Contractors Ltd. Stqarr illi x-xoghol fil-lukanda in kwistjoni sar fis-sena 2000. Kien cempillu l-Ing. Carmel Cuschieri biex isir xoghol fil-lukanda. Dan kien jikkonsisti x`xoghol fl-*indoor pool* fuq il-bejt u xoghol ta` elettriku. Mistoqsi jekk kienx hemm xi problemi fl-*indoor pool*, ix-xhud wiegeb li ma kienx hemm ghaliex ix-xoghol ma kienx ghadu nbeda. Xogholijiet ohra li ghamlu kienu t-*timers* mal-faccata u affarijiet zghar ohra. Dan kien xoghol gdid u mhux tiswija ta` xoghol ta` haddiehor. Ghax-xoghol li sar minnhom hareg kont fil-21 ta` Dicembru 2000 ghall-ammont ta` Lm12,380. Meta sar ix-xoghol taghhom, il-lukanda kienet miftuha.

Fil-**kontro-ezami**, ix-xhud stqarr illi l-*indoor pool* kien gebel u saqaf. Mix-xogholijiet li ghamlu huma, ftit kienu addizzjonijiet. Ipprezenta l-kontijiet fejn hemm imfisser ix-xoghol li sar gdid u dak li kien modifikat. Mistoqsi jekk meta bdew ix-xogholijiet is-socjeta` attrici kenitx lestiet ix-xoghol taghha, ix-xhud wiegeb illi l-informazzjoni li kellu kienet illi huma ma kienux sejrin jidhlu fuq haddiehor.

**Ikkunsidrat :**

## III. Ir-relazzjoni peritali

### 1) Kostatazzjonijiet

Kienet prezentata relazzjoni peritali kongunta mill-Perit Godwin Abela u mill-Awditur Kevin Mahoney.

Fost il-kostatazzjonijiet taghhom, il-perit gudizzjarji rrimarkaw illi –

i) n-natura tax-xogholijiet originarjament stipulati fil-kuntratt inbidlet radikalmen t;

ii) li c-certifikat mill-inginiera hareg meta s-socjeta` attrici infurmat lill-istess inginiera li ma setghetx tkompli bix-xogholijiet minhabba dewmien ikkawzat minn terzi ;

iii) li c-certifikat kien jinkludi tnaqqis provizzjorju ta` Lm10,000 biex ikopri dawk ix-xogholijiet li ma kienux saru mis-socjeta` attrici ;

iv) li x-xogholijiet li saru minn terzi minflok is-socjeta` attrici kien jammonta ghal Lm2,360.02 li jfisser li s-socjeta` attrici kien fadlilha ftit xoghol biex tikkompleta l-appalt ;

v) li x-xogholijiet li kienu lahqu saru mis-socjeta` attrici kienu debitament certifikati mill-inginiera wara li kien accertat li kollox kien qed jiffunzjona meta s-socjeta` attrici telqet is-sit ;

vi) li l-konvenuti ma kkumissjonawx rapport mill-inginiera dwar allegata hsara rizultanti minn xogholijiet tas-socjeta` attrici ;

vii) li l-hsarat attribwibbli lis-socjeta` attrici kienu minimi u kienu stmati fl-ammont ta` Lm383.20 ;

viii) li rigward il-kwistjoni tal-CET u VAT irrizulta li kienu pacjuti ew l-ammonti li thallsu lis-socjeta` attrici fir-rati taghha mar-rifuzjonijiet li hadu l-konvenuti.

## 2) Konkluzjonijiet

Il-konkluzjonijiet tal-periti gudizzjarji kienu dawn –

i) illi s-socjeta` attrici wettqet ix-xoghol mertu tal-appalt skond kif kien stipulat bejn il-partijiet fil-kuntratt ;

ii) illi l-hlas dovut lis-socjeta` attrici kien Lm99,899.98 ekwivalenti ghal €232,704.36

iii) illi l-kumpannija attrici ma kellha thallas ebda penali ghal dewmien lill-konvenuti ;

iv) illi l-kumpannija attrici esegwiet ix-xoghol kif titlob l-arti u s-sengha u ma kienx prova li sar il-maqlub ;

v) illi x-xoghol li twettaq minn haddiehor ghax baqa` ma sarx mill-kumpannija attrici ttiehed in konsiderazzjoni ;

vi) illi daqstant iehor kif ittiehdu in konsiderazzjoni l-izbalji matematici ;

vii) illi l-ammont dovut lill-Ing. Cuschieri ghall-kejl tax-xoghol kienet dovuta mis-socjeta` attrici skond il-kuntratt ;

viii) illi s-socjeta` attrici kienet qeghda tigi rimborsata ghall-imposti ta` natura fiskali kif suppost ;

ix) illi l-konvenuti bbenefikaw direttament mill-incentivi naxxenti mill-l-Industrial Development Act.

## 3) **Eskussjoni**

Il-konvenuti talbu li jeskutu lill-periti gudizzjarji. Fis-sostanza, mill-eskussjoni rrizulta illi kellu jkun aggustament fir-relazzjoni fis-sens illi jekk il-pajpijiet tal-ilma, istallati mis-socjeta` attrici, inbidlu fuq ordni tal-inginier, allura l-konvenuti kellu jigu kkumpensati bl-ammont ta` Lm392 ekwivalenti ghal €910.78. Dwar ir-rifuzjonijiet, l-Awditur Kevin Mahoney, mistoqsi dwar jekk l-applikant li jitlob l-exemption order jiehux r-rifuzzjonijiet, wiegeb illi min japplika jiehu lura l-flus hu. Fil-kaz tal-lum, ir-rifuzjoni saret lill-konvenuti kif jirrizulta mid-dokumenti tad-dwana u tal-hlas effettwat.

## 4) **Piz probatorju**

Il-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit mahtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova importanti ghall-gudikant biex ikun jista` jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novmebru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti bili l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikorsta` l-apell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li*

*ma setaxjigiepurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*), fl-istess waqt , dak ma jfissirx li "*qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami."* (ara –"**<u>Grima vs Mamo et noe</u>**" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Ghalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" (**<u>"Cauchi vs Mercieca"</u>** – Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u **<u>"Saliba vs Farrugia"</u>** – Qorti ta` l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Din il-Qorti tirrileva wkoll bhala fatt illi wara li l-periti gudizzjarji halfu r-relazzjoni, l-ebda parti ma talbet il-hatra ta` periti teknici addizzjonali. Fis-sentenza fil-kawza "**<u>Bugeja et vs Muscat et</u>"** (Qorti ta` l-Appell – 23 ta` Gunju 1967), intqal li l-"*giudizio dell` arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher*

*sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.”*

**Ikkunsidrat :**

## IV. <u>Sottomissjonijiet</u>

Wara li ghamlet riassunt tal-provi u rreferiet ghar-relazzjoni peritali, il-kumpannija attrici rrilevat fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha illi l-konvenut kien inadempjenti fit-twettieq tal-obbligazzjoni tieghu illi jipprovdi s-sit lest mill-kostruzzjoni biex s-socjeta` attrici tkun tista` tahdem. Kien jispetta lill-konvenuti li jgibu l-prova illi d-dewmien kien imputabbli lis-socjeta` attrici. L-allegazzjoni tal-konvenuti kienet kontradetta mill-provi – anke dokumentarji – li ressqet il-kumpannija attrici bhala prova tal-impossibilita` oggettiva li twettaq ix-xogholijiet. Kien ghalhekk illi ghall-kontrotalba, il-kumpannija attrici wiegbet bl-eccezzjoni ta` *inademplendi contracti* da parti tal-konvenuti. Saret riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta` Ottubru 2005 fil-kawza “**<u>AX Construction Limited vs Mallia Bonello</u>”.** Riferibbilment ghall-eccezzjonijiet tal-konvenuti numerati minn tnejn (2) sa hamsa (5), il-kumpannija attrici tissottometti illi l-konvenuti setghu rrikorrew minghajr l-ebda xkiel ghand l-inginier li kellu l-ahhar kelma dwar ir-risoluzzjoni ta` tilwim li seta` jinqala` dwar ix-xogholijiet izda l-konvenuti ma ghamlu xejn minn dan. Barra minn hekk, il-kuntratt kien jistipula illi l-kuntrattur kellu jaghti sena garanzija fuq materjal jew kwalita tax-xoghol u fil-kaz li l-kommittent kien se jinvoka l-garanzija, xorta kien hemm id-decizjoni finali tal-inginier. Izda lanqas hekk ma gara. Is-socjeta` attrici ghamlet riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Marzu 2001 fil-kawza **“<u>Blye Engineering Co. Ltd. vs Paolo Bonnici Ltd</u>**.” dwar l-esekuzzjoni tal-appalt skond l-arti u s-sengha. Fil-kaz tal-lum, irrizulta li d-difetti riskontrati kienu ta` entita` zghira hafna, certament mhux sostanzjali jew gravi. Dwar l-izbalji matematici, is-socjeta` attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport tal-periti teknici.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti sostnew illi rrizulta anke minn ammissjoni tas-socjeta` attrici stess illi ma kenitx ikkompletat l-appalt ghal kollox tant li kellu jtemm ix-xoghol haddiehor. Il-konvenuti ma qablux mal-konkuzjonijiet peritali fis-sens illi d-dewmien kien imputabbli lill-konvenuti. Insistew illi kellha tiskatta l-penali ta` Lm100 ghal kull jum ta` dewmien bejn l-1 ta` Novembru 1998 u l-31 ta` Lulju 2000 : Lm64,000. Inoltre kellu jitnaqqas il-prezz tax-xoghol li thallas lil terzi minhabba l-kumpannija attrici fl-ammont ta` Lm39,262.71. Ridotti dawk l-ammonti, xejn ma kien dovut lis-socjeta` attrici.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Risultanzi</u>**

L-eccezzjoni principali tal-konvenut kienet *illi l-ammont pretiz mhux dovut, almenu fit-totalita` tieghu, u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u senjatament ghaliex iridu jitnaqqsu somom sostanzjali …* Il-konvenuti ghamlu elenku taghhom.

Il-kuntratt ta` appalt bejn il-partijiet sar fit-30 ta` April 1998 – Dok. TRE a fol. 5 tal-process. Skond il-klawsola 3 ta` l-kuntratt :

*The works are to be to the entire satisfaction of the Consulting Engineer to the Client hereafter referred to as the `Engineer` and the Contractor shall conform to all instructions as issued by the Engineer.*

L-inginier maghzul mill-konvenut kien l-Inginier Cuschieri li xehed fit-tul fil-kawza. Fil-kondizzjonijiet generali ta` l-kuntratt, kien stipulat illi jekk ikun hemm xi

divergenza ta` opinjonijiet bejn l-konvenut u s-socjeta` attrici, il-kwistjoni kellha tigi riferita lil Inginier "*whose decision shall be final and binding".*

Jirrizulta li fil-4 ta` Awissu 2000 (ara fol 47) hareg `*certificate of payment*` u fil-21 ta` Mejju 2001 (ara fol 117) l-Ing. Cuschieri kiteb lis-socjeta` attrici fejn avzaha illi l-ammont dovut lilha kien ta` Lm104,439.72.

Il-periti gudizzjarji hadu in konsiderazzjoni l-aspetti kollha ta` l-kwistjoni bejn il-partijiet.

Illi bhala <u>kwantifikazzjoni</u> tal-ammont dovut lis-socjeta` attrici, din il-Qorti sejra toqghod fuq il-konkluzjonijiet peritali anke ghaliex ma ngieb ghall-konjizzjoni taghha l-ebda prova li ggieghel lill-Qorti biex terga` tahsibha jew li tiddiskosta ruhha mill-konkuzjonijiet peritali.

Punti ta` dritt li din il-Qorti sejra tqis hija l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-hlas ta` penali ghad-dewmien u l-eccezzjoni tal-konvenuti li x-xogholijiet tal-kumpannija attrici ma kienux kif titlob l-arti u s-sengha.

Fil-konkluzjonijiet taghhom, il-periti gudizzjarji qalu fl-ewwel lok illi ma kellux ikun hemm hlas ta` penali stante li ma giex ippruvat li kien hemm dewmien imputabbli lis-socjeta` attrici, u fit-tieni lok illi x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti tant li l-Ing. Cuschieri hareg certifikat ghall-hlas u li jekk kien hemm hsarat dawn kienu minimi.

Jinghad qabel xejn illi, kif jirrizulta pacifiku fil-gurisprudenza taghna, min jallega li sofra hsara bi htija ta’ haddiehor, “*e’ nell’obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insita la prova della colpa che egli imputa all’altro perche` la colpa deve assumare una*

*forma materiale e specifica quando viene imputata ad altri come causa di danno*" – "**Ingegnere Frank Calafato –vs- Carmelo Grech**", Appell Civili, 23 ta' Novembru 1921, Kollez. Vol. XXIV.I.893.

Mill-provi dokumentarji li gabru l-periti gudizzjarji, tirrizulta din il-kronologija ta` ittri skambjati bejn s-socjeta` attrici u/jew l-Inginier Cuschieri u l-konvenut –

Dok A a fol. 390 :

fax datata 31 ta` Awissu 1998, fejn l-Ing. Cuschieri jinforma lis-socjeta` attrici li kienu mhassba dwar il-fatt li l-*completion date* tal-31 ta` Ottobru 1998, ma kenitx sejra tintlahaq, u kwindi d-dewmien kellu jkun gustifikat.

Dok H a fol. 397 :

*fax* datat 2 ta` Settembru 1999, fejn l-Ing. Cuschieri baghat lista lis-socjeta` attrici tal-affarijiet kollha li kienu ghadhom pendenti.

Dok. L a fol. 400 :

*fax* datat 14 ta` Dicembru 1999, fejn l-Ing. Cuschieri jaghti lista ohra ta` xogholijiet pendenti lis-socjeta` attrici.

Dok. NC 1 a fol. 360 :

ittra datata 10 ta` Marzu 2000, fejn is-socjeta` attrici tinforma lill-Ing. Cuschieri illi kienu qeghdin jistennew sabiex l-ewwel u t-tieni sular tal-lukanda jigi *cleared* sabiex ikunu jistghu jispiccaw x-xogholijiet li kienu ghadhom pendenti. Tghid illi jekk iz-zoni in kwistjoni mhux se jitnaddfu sat-13 ta` Marzu 2000, mhux se jkunu jistghu jkomplu bix-xogholijiet.

Dok. NC 2 a fol. 361 :

ittra datata 13 ta` Marzu 2000 fejn is-socjeta` attrici tiddomanda lill-konvenut jekk l-affarijiet li baghtulhom bil-fax kienux lesti sabiex ikunu jistghu jlestu x-xogholijiet.

Dok. 00 a fol. 418 :

fax datata 11 ta` Lulju 2000, fejn l-Ing. Cuschieri jinforma lis-socjeta` attrici – *please be informed that the decision to nominate another contractor to carry out the works that you opted not to continue was confirmed by you in our last meeting …*

Mad-daqqa t`ghajn, minn din il-korrispondenza wahedha jidher illi d-dewmien kien attribwibbli lis-socjeta` attrici. Fir-realta` l-provi fl-assjem taghhom juru li mhux hekk kien il-kaz. Mix-xiehda tal-Ing. Cuschieri jirrizulta li meta hareg il-kont finali biex tithallas is-socjeta` attrici, il-kont kien inghata lill-konvenut biex jikkumentaw dwaru, izda jirrizulta li l-konvenut ma kkummenta xejn : la dwar danni, la dwar xoghol xoghol hazin, u lanqas dwar dewmien. Kien anke ghalhekk illi hareg ic-certifikat finali. Din il-Qorti taghti affidament lix-xiehda tal-Ing. Cuschieri. Id-deposizzjoni tieghu hija rilevanti ferm ghaliex huwa kien konsulent tal-konvenut fuq il-progett f`materji teknici u dwar il-valutazzjoni tax-xoghol, kif jidher mill-*General Conditions of Contract*. Kwindi ladarba lanqas mix-xiehda tieghu ma jirrizulta li d-dewmien sabiex jiltlesta dan il-progett seta` jkun dovut biss lis-socjeta` attrici, l-eccezzjoni tal-konvenuti kif dedotta ma tistax tkun akkolta.

Kien ukoll eccepit mill-konvenuti illi x-xoghol esegwit mis-socjeta` attrici kien hazin u kontra s-sengha u l-arti.

Il-Perit Godwin Abela jghid hekk –

*… ix-xogholijiet kollha maghmulin mis-socjeta` attrici kienu gew iccertifikati mill-inginier inkarigat, dan fisser illi kollox kien qed jiffunzjona meta s-socjeta` attrici telqghet mis-sit ;*

*il-konvenuti ma kkommisjonawx rapport mill-istess inginier dwar l-allegati hsarat rizultanti mix-xogholijiet tas-socjeta` attrici ;*

*Mix-xhieda tad-diversi persuni prodotti mill-konvenuti, fosthom David Cassar Torregiani u Mario Camenzuli jidher evidenti li l-allegati hsarat kienu ta` natura limitata hafna w fil-fatt l-uniku referenza ghal tali hsarat tinsab f`dokument XX2 esibit minn Mario Camenzuli fl-ammont ta` Lm380.20.*

Anke ghall-fini ta` din l-eccezzjoni, il-pern ta` kollox jibqa` l-fatt illi l-Ing. Cuschieri ccertifika li x-xoghol tas-socjeta` attrici kien tajjeb u skond is-sengha u l-art. Tant kien hekk illi hareg il-kont ghall-hlas illi ma rrizultax li kien disputat mill-konvenut *a tempo vergine.*

Il-fondatezza tal-kostatazzjonijiet tal-Perit Godwin Abela ssib sostenn fid-deposizzjoni taz-zewg kuntratturi li hadmu wara ss-socjeta` attrici. Fl-udjenza ta` quddiem din il-Qorti tat-28 ta` Mejju 2009 (ara fol 267) Joseph Portelli minn Globe Electroncis Ltd xehed illi ha l-inkariku minghand Anthony Abdilla f`Novembru 2000. Ix-xoghol ta` tiswija li ghamlu huma tax-xoghol li kien diga` sar mill-kumpannija attrici kien jammonta ghal Lm52. Min-naha tieghu, Hermann Mizzi ta` Mike Farrugia Contractors Limited sostna illi x-xoghol fl-indoor pool ma kienx ghadu beda u li dak li ghamlu huma kien xoghol gdid ghal kollox. Inoltre qabel bdew jahdmu huma, kienu nfurmati li min hadem qabilhom kien lesta minn kollox.

Din il-Qorti tikkondividi ghal kollox il-fehma tal-periti gudizzjarji li anke dik l-eccezzjoni ghandha tkun respinta.

Il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti jittrattaw il-komputazzjoni tal-hlas tax-xogholijiet li saru mis-socjeta` attrici.

F`dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-perit komputista li ghall-fini tal-konteggi tieghu ha in konsiderazzjoni tnaqqis li kellu jsir anke minhabba zbalji ta` matematika li rrizultaw fic-certifikat tal-Ing. Cuschieri.

Il-kontrotalba hija rifless tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Ghall-istess ragunijiet li abbazi taghhom kienu rigettati l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qeghda tkun respinta wkoll il-kontrotalba.

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>L-imghax</u>**

Fic-citazzjoni, is-socjeta` attrici talbet il-hlas ta` somma determinata u specifika. U cioe` l-ammont ta` Lm114,100.43. Talbet ukoll il-hlas tal-imghax legali. Mhuwiex kontestat illi l-presentata tac-citazzjoni kienet preceduta mill-presentataL-ammont stabbilit bhala attwalment dovut lilha huwa Lm99,899.98. Mhuwiex kontestat illi l-presentata tac-citazzjoni kienet preceduta minn ittra ufficjali li kienet prezentata fl-10 ta` Mejju 2001. Kenitx notifikata dik l-ittra ufficjali lill-konvenuti jew x`intalab f`dik l-ittra ufficjali jibqa` mhux maghruf ghaliex kopja tal-ittra ufficjali u tan-notifika taghha ma kienux esebiti bhala prova. Din il-Qorti mhijiex sejra tordna dd-dekorrenza tal-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali msemmija fl-assenza ta` dik il-prova. Fl-istess

waqt pero` hija tal-fehma illi l-imghax ghandu jibda jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni li kienet is-17 ta` Settembru 2001 (ara tergo ta` fol 22). Il-fatt illi din il-Qorti sejra tordna l-hlas favur is-socjeta` attrici ta` ammont inferjuri ghal dak li kienet talbet fl-att tac-citazzjoni ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tan-notifika tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti mhijiex tillikwida l-ebda ammont li kapaci jwassal lill-konvenuti sabiex jinvokaw l-applikazzjoni tal-masima "*in illiquidis non fit mora*".

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, hlief u b`mod limitat ghall-eccezzjoni markata 1(iii) u ghall-ewwel parti tal-eccezzjoni markata 1(iv).**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara li l-konvenuti ghandhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn tnejn u tletin elf seba` mija u erba` Ewro sitta u tletin centezmi (€232,704.36) ekwivalenti ghal disgha u disghin elf tmien mija disgha u disghin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmi (Lm99,899.98) tax-xoghol minnha fil-fatt esegwit fil-Karanne Aparthotel, San Pawl il-Bahar, skond il-ftehim ta` bejn il-partijiet tat-30 ta` April 1998.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn tnejn u tletin elf seba` mija u erba` Ewro sitta u tletin centezmi (€232,704.36) ekwivalenti ghal disgha u disghin elf tmien mija disgha u disghin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmi (Lm99,899.98), bl-**

**imghax legali dekorribbli mis-17 ta` Settembru 2001 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tordna li l-ispejjez tac-citazzjoni, tan-nota tal-eccezzjonijiet u tal-ittra ufficjali attrici tal-10 ta` Mejju 2001 ghandhom jithallsu in kwantu ghal disghin fil-mija (90%) mill-konvenuti u in kwantu ghal ghaxra fil-mija (10%) mill-kumpannija attrici.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-kumpannija attrici ghall-kontrotalba.**

**Tichad il-kontrotalba fl-intier taghha.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu wahedhom l-ispejjez kollha tal-kontro-talba u tan-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpannija attrici ghall-kontro-talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------